- *TRANZAZZJONI –*
- *INKORPORAZZJONI TAL-ISTESS FIS-SENTENZA –*
- *TALBA TAL-PARTIJIET -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Gunju 2002

**Kawza Numru: 45**
**Citazzjoni Numru: 1947/97/RCP**

**Doreen Florian u l-istess Doreen Florian li b'digriet tal-11 ta' Ottubru 1997 giet nominata kuratrici *ad litem* biex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri Francesca Mercieca**

**vs**

**Joseph Mercieca**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi minn relazzjoni bejn l-attrici Doreen Florian u l-konvenut twieldet tifla, Francesca, u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri li jgib in-numru 4186/94 u li qieghed jigi anness bhala Dok. "A".

Illi l-istess minuri ghandha d-dritt li tigi mantenuta b'mod xieraq u adegwat minn missierha l-konvenut.

Illi wkoll li l-konvenut ghandu mezzi biex imantni lill-istess minuri u ghalhekk ghandu jkun hekk obbligat fl-ammont u fil-modalitajiet tal-hlas li tiffissa din l-Onorabbli Qorti.

Illi din l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tikkundannah ihallas lill-attrici Doreen Florian dik ir-retta alimentarja bhala manteniment ghal binthom Francesca, bil-modalitajiet tal-istess hlas li jigu stabbiliti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici Doreen Florian tal-4 ta' Settembru 1997 fejn talbet li tigi nnominata bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Francesca Mercieca u dan biex jigi assigurat zgur it-tutela tal-interessi taghha, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-11 ta' Ottubru 1997 fejn fin-nuqqas tar-risposta laqghet it-talba kif dedotta.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-26 ta' Ottubru 1998 biex il-kawza tigi trattata bl-urgenza. Rat ir-risposta tal-konvenut tal-5 ta' Novembru 1998 u d-digriet tal-Qorti tad-9 ta' Novembru 1998 fejn cahdet it-talba.

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 1999 fejn Dr. Stephen Thake ta ruhu b'notifikat ghall-konvenut u ddikjara li ghandu jipprezenta l-eccezzjonijiet sad-differiment li jmiss

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-24 ta' Marzu 1999 a fol. 19 fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponent kien dejjem predispost illi jhallas manteniment adegwat biex ihallas ghall-kura u trobbija tat-tifla minuri Francesca, tant illi, ghal snin twal, huwa hallas u ssoministra tali manteniment spontanjament u anke fl-assenza ta' kwalsiasi ordni tal-Qorti. Huwa ssospenda tali hlas meta l-obbligu tieghu tal-hlas tal-manteniment ghall-minuri Francesca gie nterpretat mill-attrici bhala obbligu illi

jikkontribwixxi ekonomikament lejn ir-relazzjonijiet tal-attrici ma' terzi u t-tfal naxxituri minn tali relazzjonijiet.

2. Illi, ghalhekk, huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi jhallas tali manteniment, u nfatti, jitlob lil dina l-Qorti biex tiffissa manteniment adegwat illi ghandu jithallas mill-konvenut kif ukoll tipprovdi ghall-assigurazzjonijiet u mizuri necessarji biex jigi zgurat illi dan l-menteniment ikun biss ghall-beneficcju tal-minuri Francesca;

3. Illi, l-esponent, kif fuq premess, ma ghandu l-ebda oggezzjoni li huwa jhallas dana l-manteniment izda, minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa jitlob lil din il-Qorti sabiex tiffissa dak il-manteniment illi l-attrici ghandha tghaddi u / jew hija f'pozizzjoni illi tghaddi lill-istess minuri Francesca, sabiex jigi zgurat illi z-zewg partijiet jikkontribwixxu ekwament fil-manteniment tat-tifla minuri Francesca.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u lista tax-xhieda tal-konvenut Joseph Mercieca a fol. 20 sa 22.

Rat il-verbali tad-29 ta' April 1999; tas-6 ta' Mejju 1999 fejn xehdet l-attrici; tat-28 ta' Gunju 1999 fejn regghet xehdet l-attrici; tat-13 ta' Settembru 1999 fejn xehdu Mario Sammut rapprezentant tal-Water Services Corporation, Joseph

Mercieca u l-attrici. Dr. Edwina Chetcuti ghall-attrici ddikjarat li f'dan l-istadju ghalqet il-provi taghha.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Ottubru 1999; tad-9 ta' Novembru 1999 fejn il-Qorti b'Digriet tal-istess data ordnat li apparti mill-ispejjez li diga` qed ihallas, il-konvenut jissoministra *pendente lite* b'effett mill-1 ta' Novembru 1999 u minghajr pregudizzju ghal ebda wahda mill-partijiet is-somma ta' Lm20 fix-xahar bhala alimenti; tat-13 ta' Jannar 2000 fejn xehed Frans Falzon rapprezentant tad-Direttur tal-Edukazzjoni u Elsa Muscat;

Rat it-talba ta' Dr. Edwina Chetcuti tat-13 ta' Jannar 2000 fejn minkejja li l-attrici kienet iddikjarat li ghalqet il-provi taghha talbet li ttella' bhala xhieda lil Dr. Carol Jaccarini u Dr. Parascandalo biex jixhdu partikolarment dwar l-istat mediku tal-minuri Francesca. Il-Qorti b'Digriet taghha tal-istess data laqghet it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' April 2000 fejn xehdu Austin Duca rapprezentant tad-Direttur tal-Edukazzjoni u Alexander Muscat; tal-11 ta' Lulju 2000 fejn xehed Dr. Raymond Parascandalo; tal-1 ta' Dicembru 2000 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li hemm possibilta` ta' tranzazzjoni; tat-13 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001; tas-17 ta' Settembru 2001 u tat-2 ta' Novembru 2001 fejn Dr. Tanya Sammut informat lill-Qorti li t-tranzazzjoni ma sehhitx u ghalhekk kellhom ikomplu jinstemghu l-provi.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-29 ta' Novembru 2001 fejn talbet li l-Qorti tvarja d-digriet taghha ta' manteniment u minflok takkorda retta alimentarja aktar gholja u dan fl-ahjar interess tal-minuri. Rat id-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Jannar 2002 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghal risposta.

Rat il-verbali tal-4 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta.

Rat is-seduta tad-29 ta' Mejju 2002 quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn id-difensuri prezentaw nota ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet u talbu li l-istess ftehim jigi nkorporata fis-sentenza. Dwar l-ispejjez il-partijiet qablu li kull parti thallas lill-avukat u Prokuratu Legali taghha u tbaghti minghajr dritt ta' rimbors l-ispejjez gja` minnha sborzati filwaqt li l-bilanc tad-dritt tar-registru jinqasam bejn il-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta' Gunju 2002.

Rat l-ftehim bejn il-partijiet esebit fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2002 a fol. 137 sa 138 tal-process fejn fl-istess skrittura jinghad li:-

*1. "Il-kura u l-kustodja tal-minuri Francesca Mercieca tibqa' fdata lill-omm, salv l-access tal-minuri hawn stabiliti.*

*2. Il-patria potestas ossija awtorita' tal-genituri tibqa' vestita w ezercitata mill-kontendenti b'mod ugwali.*

*3. Id-decizjonijiet dwar l-edukazzjoni u s-sahha tal-istess minuri jittiehdu mill-kontendenti kongjuntivament, salv l-intervent tal-Qorti kompetenti f'kaz ta' konflitt.*

*4. Il-missier ghandu jkollu access ghall-minuri fil-granet u l-hinijiet segwenti:-*

*i) Gurnata wahda fil-gimgha illi tigi maqbula mill-kontendenti minn zmien ghal zmien fix-xitwa bejn l-erbgha u hamsa u erbghin minuta (4:45pm) ta' fil-ghaxija sat-tmienja ta' fil-ghaxija (8:00pm) u fis-sajf ezercitat f'hinijiet miftehma bejn il-kontendenti bejn is-saghtejn neqsin kwart (1:45pm) ta' wara nofsinhar sad-disgha ta' fil-ghaxija (9:00pm).*

*ii) Kull nhar ta' Sibt jew alternativament kull nhar ta' Hadd bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) u t-tmienja ta' fil-ghaxija (8:00pm).*

*iii) Fl-ewwel weekend ta' kull xhar dan l-access fil-weekend jigi ezercitat bejn is-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00pm) tal-Gimgha sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00pm) tal-Hadd.*

*iv) Festi pubblici jinqasmu bejn il-kontendenti b'mod illi l-missier jkollu access ghal minuri ghal gurnata shiha, cjoe' bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00pm) f'numru ta' tali festi ekwivalenti ghan-nofs in-numru ta' festi pubblici f'dik is-sena illi ma jaqghux Sibt jew Hadd.*

*v) Fil-festi tal-Milied, l-Ghid u l-ewwel tas-sena it-tifla tkun fil-kura tal-missier bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) u s-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00pm) alternattivament cjoe' sena wahda l-missier jkollu dan l-access fil-Milied u fl-Ghid u fis-sena ta' wara jkollu dan l-access fl-ewwel tas-sena.*

*vi) F'jum il-missier il-missier jkollu access ghall-minuri bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) u s-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00pm). Il-missier ikollu access ta' mhux anqas minn tliet (3) sieghat.*

*5. Il-missier jobbliga ruhu illi jhallas lill-omm bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri, is-somma mensili ta' tmenin lira (Lm80) pagabbli kull xahar bil-quddiem, fl-ewwel tax-xahar. Il-manteniment hawn miftiehem jigi rivedut fl-1 ta' Lulju ta' kull sena b'effett mis-sena 2003 u dan skond l-gholi tal-hajja kif l-istess tirrizulta mill-indici mizmuma appozitament mill-Awtoritajiet.*

*6. L-ispejjez tal-Edukazzjoni tal-minuri jithallsu mill-missier.*

*7. Il-missier jobbliga ruhu illi jzomm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni illi tkopri lill-minuri ghall-ispejjez medici. Spejjez medici mhux koperti minn din il-polza jithallsu mill-genitur li tkun it-tifla fil-kura tieghu jew taghha meta tinqala' l-htiega b'dan illi spejjez straordinajri jew ta' natura kbira jew serja illi ma jkunux koperti taht il-polza jithallsu mill-genituri f'ishma ndaqs.*

*8. Illi oltre dak gja miftiehem, il-missier ghandu sa mhux aktar tard minn tletin (30) gurnata mill-lum jivversa s-*

*somma ta' elfejn lira f'kont bankarju illi jigi miftuh appozitament mill-kontendenti f'isem il-minuri. Ebda somma ma tigi zbankata minn dan il-kont jekk mhux mill-istess kontendenti kongjuntivament jew mill-minuri meta taghlaq tmintax-il sena.*

9. *Finalment il-missier ikollu d-dritt illi jsiefer lill-minuri ghal perjodu ta' gimgha a spejjez tieghu. Dan il-perjodu jigi miftiehem bejn il-kontendenti jew stabbiliti mill-Qorti f'kaz ta' konflitt. L-omm ikollha l-istess fakolta. It-tifla ghandha jkollha passaport ghaliha illi jinzamm mill-omm salv l-obbligu taghha illi tikkonsenja li-istess lill-missier ghall-fini tas-safar hawn miftiehem. Oltre kif miftiehem hawn, il-partijiet ma jkollhomx id-dritt illi jhallu t-tifla ssiefer hlief bil-kunsens ta' xulxin moghti bil-miktub".*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-attrici ghan-nom tal-istess bintha minuri qed titlob li tigi ffissata rata ta' manteminent li l-istess konvenut ghandu jhallas lilha a beneficcju tal-istess minuri.

Illi fortunatament l-genituri tal-istess minuri qablu dwar l-istess manteniment u anke ghall dak li jirrigwarda l-access tal-konvenut ghall-istess minuri, u ghalhekk permezz ta' din

is-sentenza u fuq talba *ad hoc* mill-partijiet f'dan is-sens fil-verbal datat 29 ta' Mejju 2001, din il-Qorti ser tinkorpora l-ftehim tal-partijiet dwar l-istess manteniment tal-konvenut ghall-istesss minuri u anke dwar l-access u kura u kostodja tal-istess bint tal-partijiet, u dan ta' l-ahhar li jifforma l-mertu ta' l-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi **"Joseph Mercieca vs Doreen Florian"** (Citaz. Numru 2084/98/RCP), fl-istess sentenza u dan kollox skond l-istess tranzazzjoni datata u esebita fl-original taghha f'dan il-process, u minnhom iffirmata fid-29 ta' Mejju 2002, u li kopja taghha datilografata tinsab esebita bhala Dok. "A" a fol. 102 sa 105 ta' dan tal-process appena imsemmi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi abbazi ta' skrittura ta' tranzazzjonijiet bejn il-partijiet datata 29 ta' Mejju 2002 u li tinsab esebita a fol. 137 sa 138 tal-process, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici Doreen Florian bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri s-somma mensili ta' tmenin lira (Lm80) pagabbli kull xahar bil-quddiem, fl-ewwel tax-xahar. Il-manteniment hawn indikat u miftiehm ghandu jigi rivedut fl-1 ta' Lulju ta' kull sena b'effett mis-sena 2003 u dan skond l-gholi tal-hajja kif l-istess tirrizulta mill-indici mizmuma appositivament mill-Awtoritajiet kompetenti u b'dan ukoll:-

(a) Illi l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-istess minuri.

(b) Illi l-konvenut ghandu jzomm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni illi tkopri lill-minuri ghall-ispejjez medici fil-waqt li ghal dawk l-ispejjez medici mhux koperti minn din il-polza, dawn ghandhom jithallsu mill-genitur li tkun it-tifla fil-kura tieghu jew taghha meta tinqala' l-htiega hlief fil-kaz ta' spejjez straordinajri jew ta' natura kbira jew serja illi ma jkunux koperti taht il-polza, li ghandhom jithallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom.

(c) Illi l-konvenut ghandu sa mhux aktar tard minn tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jivversa s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) f'kont bankarju illi jigi miftuh appozitament mill-kontendenti f'isem il-minuri bil-kundizzjoni li ebda ammont mill-istess somma ma ghandha tigi zbankata minn dan il-kont jekk mhux mill-istess kontendenti kongjuntivament jew mill-minuri meta taghlaq tmintax-il sena.

(d) Illi fl-istess waqt din il-Qorti tikkonferma s-sentenza taghha bbazata fuq l-istess tranzazzjoni milhuqa bejn il-partijiet li tifforma l-mertu tal-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mercieca vs Dorren Florian"** (Citaz. Nru. 2084/98/RCP) dwar l-kura u l-kustodja u access tal-istess minuri b'dan illi:-

(i) Il-kura u l-kustodja tal-minuri Francesca Mercieca tibqa' fdata lill-attrici, omm l-istess minuri, salv l-access tal-minuri favur l-konvenut kif hawn iktar l-isfel stabbilit.

(ii) Il-*patria potestas* ossija awtorita' tal-genituri tibqa' vestita w ezercitata mill-kontendenti b'mod ugwali.

(iii) Id-decizjonijiet dwar l-edukazzjoni u s-sahha tal-istess minuri jittiehdu mill-kontendenti kongjuntivament, salv l-intervent tal-Qorti kompetenti f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar l-istess.

(iv) Illi l-konvenut bhala missier tal-istess minuri ghandu jkollu access ghall-minuri Francesca Mercieca fil-granet u l-hinijiet segwenti:-

(1) Gurnata wahda fil-gimgha illi tigi maqbula mill-kontendenti minn zmien ghal zmien fix-xitwa bejn l-erbgha u hamsa u erbghin minuta (4:45pm) ta' fil-ghaxija sat-tmienja ta' fil-ghaxija (8:00pm), u fis-sajf ezercitat f'hinijiet miftehma bejn il-kontendenti bejn is-saghtejn neqsin kwart (1:45pm) ta' wara nofsinhar sad-disgha ta' fil-ghaxija (9:00pm).

(2) Kull nhar ta' Sibt jew alternattivament kull nhar ta' Hadd bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) u t-tmienja ta' fil-ghaxija (8:00pm).

(3) Illi fl-ewwel *weekend* ta' kull xahar dan l-access fil-weekend jigi ezercitat bejn is-sebgha ta' fil-ghaxija

(7.00pm) tal-Gimgha sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00pm) tal-Hadd sussegwenti.

(4) Illi l-access fil-festi pubblici ghandu jinqasam bejn il-kontendenti b'mod illi l-konvenut jkollu access ghall-minuri ghal gurnata shiha, cjoe' bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00pm) f'numru ta' tali festi ekwivalenti ghan-nofs in-numru ta' festi pubblici f'dik is-sena illi ma jaqghux Sibt jew Hadd.

(5) Illi fil-festi tal-Milied, l-Ghid u l-ewwel tas-sena it-tifla tkun fil-kura tal-missier bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) u s-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00pm) alternattivament, cjoe' sena wahda l-konvenut jkollu dan l-access fil-Milied u fl-Ghid u fis-sena ta' wara jkollha dan l-access fl-ewwel tas-sena l-attrici.

(6) Illi f'jum il-missier, l-konvenut ikollu access ghall-minuri bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu (10:00am) u s-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00pm). Il-missier ikollu access ta' mhux anqas minn tliet (3) sieghat.

(7) Illi finalment l-konvenut ghandu d-dritt illi jsiefer lill-minuri ghal perjodu ta' gimgha a spejjez tieghu. Dan il-perjodu jigi miftiehem bejn il-kontendenti jew stabbiliti mill-Qorti f'kaz ta' konflitt. L-attrici ghandha wkoll l-istess dritt bhal dak moghti hawn lill-konvenut. Illi ghalhekk il-minuri ghandha jkollha passaport ghaliha illi jinzamm mill-omm salv l-obbligu taghha illi tikkonsenja li-istess lill-missier ghall-fini tas-safar hawn miftiehem. *Oltre* kif miftiehem

hawn, il-partijiet ma jkollhomx id-dritt illi jhallu t-tifla ssiefer hlief bil-kunsens ta' xulxin moghti bil-miktub.

Illi l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata mill partijiet u a spejjez tal-istess kontendenti lill-Ufficjal inkarigat mill-Passaporti mhux aktar tard minn ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar l-ispejjez, in vista tal-istess ftehim milhuq bejn il-partijiet kif verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2002, din il-Qorti tiddeciedi li konsistentement mal-istess, kull parti ghandha ssoffri l-ispejjez kollha li hija gja` sborzjat f'din il-kawza sa llum, bla ebda dritt ta' rimbors mill-parti l-ohra rispettiva, filwaqt li l-ispejjez tar-registru li *talvolta* ghadhom sallum dovuti, ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan ukoll li kull parti ghandha thallas d-drittijiet dovuti lill-avukat u prokuratur legali rispettivi taghha.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Gunju 2002**